# HEMM XI ĦADD IEĦOR HEMM FUQ?

Wieħed raġel kien għaddej f'xifer ta' rdum. Ġebla ċediet u sab ruħu nieżel 'l isfel fil-vojt. Iggranfa ma' siġra u baqa' mdendel.



Xifer l-irdum kien 'il fuq wisq biex jilħqu, waqt li taħtu kien hemm vojt li jbeżżgħek. Beda jgħajjat kemm jiflaħ: "O Alla, għinni! Salvani!"

Dlonk jinstama' leħen jidwi
minn fuq l-irdum:
"Hawn jien, ibni, tibżax.
Erħi jdejk minn ma' dik is-siġra
u ntelaq. Nieħu ħsiebek jien."

"Kif jista' jkun? X'jiġri minni?
Fejn naf li ser tilqagħni żgur?"

"Tibżax, intelaq. Jien hawn."

"Ma jistax ikun!"

Imbagħad b'leħen maħnuq
ir-raġel reġa' beda' jgħajjat:
"Hemm xi ħadd ieħor hemm fuq?"

**Min hu Alla? Jeżisti tassew?**
**Kif nafu li jħobbna?**
**X'jiġifieri temmen?**

Kemm 'il darba nsibu ruħna
bħal dak ir-raġel.
Waqt in-niket malajr induru lejn Alla.
Imma meta naraw
li mhux qed jaqdina kif nixtiequ
aħna ndawru wiċċna band'oħra.

Mhux ta' b'xejn li meta nsibu
li l-problemi nistgħu insolvuhom
bix-xjenza jew bil-ġid materjali
allura 'l Alla nagħtuh il-ġenb.
Ma jkollniex aktar bżonnu.

Imma Alla mhux seftur omnipotenti.
Alla huwa Mħabba
u jsibu biss min jaf iħobb.
U tħobb ifisser tinsa lilek innifsek
u tirriskja kollox għal min tħobb.
Min iħobb biex isolvi problema
għadu anqas ħolom x'inhi l-imħabba.

Alla ma jispjegax l-eżistenza
tal-bniedem, imma jagħtiha sens;
ma jneħħix it-tbatija,
imma jagħti t-tama.
Alla ma tippruvahx, imma tħossu.

Min jemmen f'Alla għal xi raġuni oħra
minn dik tal-imħabba
għadu 'l bogħod minnu, għax
**ALLA HUWA MĦABBA**
**U MIN IĦOBB**
**HU MWIELED MINN ALLA**
**U JAGĦRAF 'L ALLA.**






# PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IL-BLUHA TAL-IMĦABBA LI TINGĦATA

Maskri u kostumi,
qlub u ward,
irmied u slaleb …
dan kollu din is-sena ser jimla lix-xahar ta' Frar, għax fih ser insibu taħlita ta' ċelebrazzjonijiet li għalkemm jidhru mifruda minn xulxin, fihom kapaċi nsibu xi ħaġa li tgħaqqadhom ilkoll.



***Jgħajtu x-xjuħ u jgħajjtu t-tfal: "Viva l-jiem tal-Karnival"***

Ċelebrazzjoni mifruxa fuq diversi jiem matul dan ix-xahar hija dik li ddaħħalna fir-renju tal-kuluri, tal-ispontanjetà u tal-bluha: il-Karnival. Minkejja li hawn min jiddarras b'dawn il-jiem, il-karnival hu prjodu fejn ħafna jieħdu gost ikunu dak li fil-verità mhumiex, fejn jinħbew wara kostum u jieħdu identità oħra bil-għan li jiċċajtaw u jitbelħu ftit fil-beraħ. U x'hemm isbaħ milli nieħdu ftit il-ħajja biċ-ċajt?

Din hija attitudni li tgħinna nżommu l-affarijiet fil-perpsettiva tagħhom għax ħafna drabi, it-tbatija tant tkun kbira li ningħalqu fiha u ma nteg̃ħmux ħlief qrusa.

Tajjeb ukoll li nkunu kapaċi nidħku bina nfusna għax dan joħloq fina attitudni pożittiva u ottimista lejn il-ħajja, u jagħmilna iktar b'saħħitna quddiem dak kollu li nkunu rridu ngħaddu minnu.

Il-ħażin hu meta nippruvaw inġibu l-ħajja tagħna kollha kemm hi karnival għax jew kollox isir xejn mhu xejn, jew inkella nippruvaw nistaħbew mill-fatti tal-ħajja biex nagħmlu li jfettlilna. Hekk mill-bluha nispiċċaw niċċelebraw il-ġenn!

### *Il-Festa tal-Maħbubin*

Iżda din is-sena, l-għada tal-karnival, ser idaħħalna f'jum il-ġenn tal-imħabba, għax fil-kultura tagħna li qed ngħixu fiha, l-14 ta' Frar qed ikun iċċelebrat b'qawwa bħala Jum il-Maħbubin. Kull fejn tħares sirt tilmaħ qlub, ward, ċikkulatini, soft toys … u bħal donnok tħossok obbligat li tagħti xi ħaġa lil xi ħadd li tħobb, għax inkella qisek ma tkunx qed tgħix f'dinja. Minkejja li tajjeb li nuru sinjal ta' mħabba u apprezzament, ilkoll għandna nibqgħu nagħrfu li l-imħabba tmur lil hinn minn dan u minn dan il-jum partikolari. Nistgħu niktbu ħafna poeżiji dwar l-imħabba, niddedikaw bosta kanzunetti lill-maħbub jew maħbuba, nintilfu fil-ħolm jew naqraw sentenzi sbieħ fiċ-ċikkulatini, għax l-isbaħ tifsira vera tal-imħabba nsibuha fl-ewwel ittra lill-Korintin hekk kif miktuba minn San Pawl (1 Kor. 13,4-8):

*"L-imħabba taf tistabar u tħenn;*
*l-imħabba mhix għajjura,*
*ma tintefaħx biha nfisha,*
*ma titkabbarx fuq l-oħrajn;*
*ma tagħmilx dak li mhux xieraq;*
*ma tfittixx dak li hu tagħha,*
*xejn ma tinkorla;*
*ma żżommx f'qalbha għad-deni,*
*ma tifraħx bl-inġustizzja*
*imma tifraħ bil-verità;*
*kollox tagħder, kollox temmen,*
*kollox tittama, kollox tissaporti.*
*L-imħabba ma tintemm qatt"*



Żgur ma jagħmlilniex ħażin jekk nieqfu naħsbu aktar dwar dawn il-vrus u naraw kif qed ngħixuhom f'ħajjitna: Kemm qed nieħu paċenzja? Kemm qed inkun umli f'li nagħmel? Kemm qed naħfer? Kemm qed inkun ġust/a? Dawn huma l-kwalitajiet veri tal-imħabba li tmur lil hinn mill-gosti u ż-żmien.

### *U l-Bidu tar-Randan Imqaddes*

Perfetti f'din l-imħabba żgur m'aħniex! U għalhekk ir-Randan, iż-żmien qawwi ta' 40 jum - li din is-sena ser jibda fl-14 ta' Frar stess - huwa stedina ċara biex waqt li nirċievu l-irmied fuq rasna nhar Ras ir-Randan, nagħrfu li minkejja l-limiti tagħna, li jeħtieġ nagħrfuhom b'onestà sħiħa, għandna nerfgħu ħarsitna lejn is-salib u dak li hemm imsallab fuqu fejn nistgħu naraw l-Imħabba ġenwina li tispikka fil-mument tal-prova, fis-sagrifiċċju.

Uħud żgur jinħasdu hekk kif jasal dan iż-żmien li matulu nisimgħu ta' spiss il-kliem: dnub, penitenza u sagrifiċċju. Minn dan l-angolu, ir-Randan kapaċi jidher bħala żmien ta' frustrazzjoni u mazzra m'għonq in-Nisrani, fejn is-sens tiegħu jintrabat biss mal-ħsieb ta' x'sagrifiċċju/i jistgħu jitwettqu biex wara jitpattew b'sodisfazzjon kbir b'varjetà ta' ħelu.

Iżda jekk dan kollu jidħol fil-perspettiva ta' fedeltà, determinazzjoni, indiema, u sagrifiċċju biex infittxu wiċċ il-Mulej fit-talb u biex, bil-grazzja tiegħu, naħdmu fuqna nfusna ħalli nsiru nixbhuh aktar bil-karità, allura r-Randan jista' tassew iwassalna biex qalbna tinfetaħ beraħ ħalli Alla jimlieha u jġeddidha, u hekk induqu l-ħlewwa u l-ferħ tal-Għid il-kbir tal-Mulej fejn verament nkunu nistgħu nagħrfu li:

***"Alla hekk ħabb lid-dinja***
***li ta lil Ibnu l-waħdieni,***
***biex kull min jemmen fih ma jintilifx,***
***iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem"***
għax [Ġw. 3:16]

***"Ħadd ma għandu mħabba***
***akbar minn din: li wieħed***
***jagħti ħajtu għal ħbiebu."*** [Ġw. 15:13]



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Frar 2018

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 2 ta' Frar | **Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju - L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>*Jum ir-Reliġjużi u l-Membri tal-Ħajja Kkonsagrata.*<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 4 ta' Frar | **Jum il-Ħajja**<br>Fl-10:00am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| It-Tnejn 5 ta' Frar | **Għoti tal-Ministeru tal-Lettorat**<br>Fis-7:15pm - Quddiesa fis-Seminarju tal-Virtù li fiha s-Seminarsita mill-Parroċċa tagħna, Tony Pace, flimkien ma' 4 seminaristi oħra, ser jirċievi dan il-Ministeru. |
| Is-Sibt 10 ta' Frar | **Solennità tan-Nawfraġju f'pajjiżna ta' San Pawl Appostlu**<br>Obbligu li nqaddsu dan il-jum bil-quddiesa.<br>*Il-ħin tal-Quddies ikun bħal dak ta' nhar ta' Ħadd.* |
| L-Erbgħa 14 ta' Frar | **L-Erbgħa tal-Irmied – Jibda r-Randan**<br>Fis-6:30pm - Quddiesa bit-Tqegħid tal-Irmied |
| Il-Ħadd 18 ta' Frar | **L-Ewwel Ħadd tar-Randan** |
| It-Tlieta 22 ta' Frar | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 25 ta' Frar | **It-Tieni Ħadd tar-Randan** |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Thomas Borg
Jack Attard

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Catherine Busuttil
Paul Grech
Joe Monreal
Francis Grixti
Maria Barber

***Nitolbu għalihom!***

